MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 844/1989/1

**Godfrey Bonnici**

**vs.**

**Carmen Vella**

**Il-Qorti,**

**Rat l-att ta' citazzjoni illi permezz tieghu l-attur, wara illi ppremetta :**

**Illi l-attur huwa propretarju tal-vettura numru L-2293 u li fit-30 ta' Dicembru, 1988 ghal xi l-11:00am kien involut f'incident awtomobilistiku li gara f'St. Paul's By Pass limiti ta' San Pawl il-Bahar ma' vettura ohra bin-numru T-8289, misjuqa mill-konvenuta;**

**Illi b'rizultat tal-incident, l-attur garrab danni konsiderevoli ghar-rigward tal-vettura tieghu;**

**Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kienet tahti unikament il-konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan taghha;**

**Illi l-konvenuta debitament mitluba biex tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni, baqghet inadempjenti;**

**Talab ghaliex din il-Qorti m'ghandiex :**

**1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in kwistjoni u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur;**

**2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur, occorendo bl-opera ta' periti nominandi; u**

**3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut in linea ta' danni;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-13 ta' Marzu, 1989 u bl-imghaxijiet relattivi, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet :**

**Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress li l-incident stradali in kwistjoni ma' garax imhabba imprudenza, imperizja, negligenza, u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-eccipjenti.**

**Salvi Eccezzjonijiet ohra.**

**Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda relativa;**

**Rat id-digriet tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar, 1990 illi permezz tieghu l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione gie nominat bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara illi jiehu konjizjoni ta'l-eccezzjonijiet, u sabiex jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;**

**Rat id-digriet tas-sittax (16) ta' Frar, 2000 illi permezz tieghu gie revokat 'contrario imperio' l-imsemmi digriet tat-22 ta' Jannar, 1990 u l-imsemmi perit legali gie ezonerat mill-inkarigu;**

**Rat id-digriet, ukoll tas-16 ta' Frar, 2000 illi permezz tieghu gie revokat 'contrario imperio' l-ewwel digriet ta' dakinhar peress illi l-perit legali pprometta li ser ilesti r-relazzjoni sas-seduta li kienet tmiss;**

**Rat id-digriet tal-ghaxra (10) ta' Marzu, 2000 illi permezz tieghu gie revokat l-inkarigu ta' l-imsemmi perit legali;**

**Ezaminat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;**

**Semghat it-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenuta;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-ewwel haga illi tispikka wara ezami ta' l-atti processwali hija kif, matul ftit aktar minn ghaxar (10) snin illi pperdurat in-nomina ta' l-Avukat Dottor Alex Perici Calascione bhala perit legali, inzammu biss tlett (3) seduti u illi f'wahda minnhom biss, dik tal-hdax (11) ta' Lulju, 1990, ingabru l-provi, konsistenti fil-depozizzjoni ta' l-attur u fl-esibizzjoni ta' erbgha (4) dokumenti mill-attur;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi l-provi prodotti mill-attur jikkonsistu biss fid-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur illi takkompanja l-att ta' citazzjoni, fl-imsemmija depozizzjoni ta' l-attur**

**waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 1990 u fl-imsemmija 4 dokumenti;**

**Illi l-provi prodotti mill-konvenuta jikkonsistu biss fid-depozizzjoni taghha, maghmula waqt l-udjenza tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Mejju, 2002;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi minn ezami ta' dawn il-provi skarsi ma jistghax jinghad illi l-attur irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-kollizjoni imsemmija fl-att ta' citazzjoni grat b'xi htija tal-konvenuta. Dak illi pjuttost jirrizulta huwa illi l-kollizjoni grat ghaliex l-attur, minhabba nuqqas ta' *"a proper look-out"*, ma rrealizzax tempestivament illi l-konvenuta - illi kienet qed issuq quddiemu - kienet qed timmanuvra sabiex tikser fuq il-lemin taghha. F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi l-Qorti mhix qed taccetta bhala ippruvat illi l-konvenuta ma tatx indikazzjoni ta' l-intenzjoni taghha illi taghmel il-manuvra illi ghadha kemm issemmiet. Huwa sinjifikattiv illi fid-dikjarazzjoni guramentata akkompanjanti l-att ta' citazzjoni l-attur, ghalkemm jghid illi l-konvenuta "minn posizzjoni stazzjonarja qalghet f'salt", kien biss meta xehed quddiem il-perit legali illi semma illi l-konvenuta ma tatx indikazzjoni ta' l-intenzjoni taghha. L-attur xehed ukoll illi huwa sema' lill-konvenuta tghid lill-ufficjal tal-Pulizija illi nvestiga l-incident illi hija ma kienitx tat din l-indikazzjoni. L-attur, però, naqas illi jipproduci lil dan l-ufficjal tal-Pulizija sabiex jikkonferma din l-affermazzjoni tal-konvenuta. Il-konvenuta, min-naha taghha, innegat illi xi ftit tal-hin vicin l-incident in kwistjoni hija bdiet issuq minn pozizzjoni stazzjonarja;**

**Illi mhux qed tinghata importanza lill-iskizz esibit u markat dok. GB4 ghaliex minn imkien ma jirrizulta illi dan huwa xi dokument ufficali;**

**Ikkunsidrat :**

**Illi huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi kien jinkombi fuq l-attur illi jipprova dak illi qed jallega, jigifieri illi l-kollizjoni in ezami saret bi htija tal-konvenuta, prova illi, kif già inghad, l-attur ma rnexxilux jaghmel sodisfacentement;**

**Illi, ghalhekk, l-ewwel (1) talba attrici ma tistax tintlaqa' kif anqas jistghu jintlaqghu it-tieni (2) u t-tielet (3) talbiet atrici illi huma konsegwenzjali ghall-ewwel wahda;**

**Ghal dawn il-motivi :**

**Tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta u tirrespingi t-talbiet attrici;**

**Tordna illi l-ispejjes tal-kawza jigu sopportati kollha mill-attur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------